Britannia

YOUR HOLIDAY STARTS HERE!




# Vjaġġi u Pellegrinaġġi għal Lourdes



# Vjaġġi u Pellegrinaġġi għal Lourdes

**PREZZ MINN** €649

**INŻURU** Lourdes, Gavarnie, Pont d'Espagne, Col d'Ibardin u St Jean de Luz

**PREZZ JINKLUDI**
- Titjiriet diretti mar-Ryanair - Malta/ Lourdes/Malta inkluż bagalja ta' 10kg
- Trasferimenti: ajruport/lukanda/ajruport
- 4 iljieli akkomodazzjoni fl-lukanda 3 stilel ġewwa Lourdes
- Kmamar kollha bis-servizzi privati
- Bażi: 4 kolazzjonijiet/3 pranzi/4 ċeni
- Servizz ta' tour leader
- Servizz ta' direttur spiritwali
- It-taxxi tal-ajruporti u s-service charge
- Insolvency Fund



## PREZZ KULL PERSUNA

| | |
|---|---|
| Adult f'kamra trippla | €649 |
| Adult f'kamra doppja | €669 |
| Adult f'kamra singola | €749 |
| Tfal ma' żewġ adulti (2-5 snin) | €449 |
| Tfal ma' żewġ adulti (6-10 snin) | €499 |

**Il-postijiet fuq it-titjira jiġu assenjati mir-Ryanair. Jista' jkun hemm ħlas addizzjonali jekk inti tkun tixtieq postijiet fejn xulxin u/jew bagalja extra.*

| ESKURSJONIJIET | ADULTI | TFAL |
|---|---|---|
| Gavarnie | €29 | €15 |
| Pont d'Espagne | €29 | €15 |
| St. Jean d'Luz / Col d'Ibardin | €42 | €21 |

## MHUX INKLUŻ FIL-PREZZ

Is-City Tax ta' Lourdes €1.50 għal kull lejl titħallas direttament fil-Lukanda

Donazzjoni lis-Santwarju: €10 kull persuna. Din tinġabar mit-Tour Leader f'Lourdes

*Jista' jkun hemm tibdil f'dawn il-ħlasijiet.*

**IT-TLIETA |** Il-grupp jiltaqà l-ajruport fis-6.10am minn fejn b'titjira mar-Ryanair, fit-8.10am nitilqu għal Lourdes. Fl-10.40am naslu Lourdes u nirkbu l-coach li teħodna għal lukanda. Sistemazzjoni tal-kmamar u pranzu. Nibdew il-mawra tagħna f'Lourdes bi żjara fil-Grotta ta' Massabielle, fejn il-Madonna dehret lil Santa Bernadete Soubirous u wara mmorru naraw u fejn ikun possibbli nżuru diversi postijiet konnessi ma' Santa Bernardette. Ċena u wara fid-9.00 p.m. nieħdu sehem bħala grupp, fil-Purċissjoni Aux Flambeaux li tibda mill-Grotta u tintemm fil-pjazza ta' quddiem il-Bażilika tar-Ruzarju. F'din il-purċissjoni l-pellegrini jimxu wara l-istatwa tal-Madonna b'xemgħa mixgħula f'idejhom u jingħad ir-rużarju.

**L-ERBGĦA |** Fid-9.30am niehdu sehem fil-Quddiesa Internazzjonali li ssir fil-Bażilika l-Kbira ta' taħt l-art iddedikata lil San Piju X. Esperjenza unika u xeni mpressjonanti ta' devozzjoni. Wara din iċ-ċelebrazzjoni mmorru naraw DVD dwar il-Messaġġ ta' Lourdes. Wara nofsinhar optional excursion għal Gavarnie. Eskurzjoni verament sabiħa li matulha naraw ħafna veduti meraviljużi. Gavarnie huwa raħal qalb il-muntanji, 1357 metru 'l fuq mil-livell tal-baħar. Nagħmlu waqfa fuq Pont du Napoleon fejn ingawdu veduta mill-aqwa. Hekk kif naslu Gavarnie nistgħu nagħmlu mixja qalb xenarju mill-isbaħ jew min irid jista' anke jieħu rikba fuq xi żiemel.

**IL-ĦAMIS |** Niċċelebraw l-Ewkaristija f'waħda mid-diversi knejjes/kappelli li jinsabu viċin il-Grotta. Ma' tmiem il-Quddiesa, il-grupp jieħu ritratt ta' tifkira quddiem il-Bażilika. Inkomplu billi nżuru t-tliet Bażiliki u wara nagħmlu l-mixja tal-Via Sagra fuq l-għolja de l'Espeluges. Wara nofsinhar optional excursion fil-Pyrenees National Park, li huwa riserva naturali protetta u hemmhekk inżuru Pont d'Espagne. Din hija eskursjoni mill-isbaħ fuq il-muntanji bl-opportunità li nitgħaxxqu b'xenarju sabiħ u kaskati meraviljużi.

**IL-ĠIMGĦA |** Illum ikollna optional excursion ta' ġurnata għal Col d'Ibardin u St Jean de Luz. F'Col d'Ibardin naraw veduti mill-isbaħ u nagħmlu xi xiri. Wara mmorru St Jean de Luz, belt kosmopolitana, medjevali u b'influwenza Spanjola, inżuru ċ-ċentru storiku u x-xtajta tal-post. Filgħaxija jkollna ċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa.

**IS-SIBT |** Kolazzjon u nitilqu mil-Lukanda għall-ajruport. It-titjira tar-Ryanair titlaq għal Malta fid-9.20am fejn tasal fil-11.40am.




| | |
|---|---|
| **GRUPP 1:** | 6 - 10 Ġunju |
| **GRUPP 2:** | 27 Ġunju - 1 Lulju* |
| **GRUPP 3:** | 4 - 8 Lulju |
| **GRUPP 4:** | 11-15 Lulju* |
| **GRUPP 5:** | 18 - 22 Lulju |
| **GRUPP 6:** | 25 - 29 Lulju |
| **GRUPP 7:** | 1- 5 Awwissu |
| **GRUPP 8:** | 8 - 12 Awwissu |

| | |
|---|---|
| **GRUPP 9:** | 15 - 19 Awwissu*<br>(15 Awwissu - Festa Pubblika) |
| **GRUPP 10:** | 22 - 26 Awwissu* |
| **GRUPP 11:** | 29 Awwissu - 2 Settembru |
| **GRUPP 12:** | 5 - 9 Settembru*<br>(8 ta' Settembru - Festa Nazzjonali) |
| **GRUPP 13:** | 12 -16 Settembru |
| **GRUPP 14:** | 19 - 23 Settembru<br>(21 Settembru - Festa Nazzjonali) |

*Gruppi mal-Euro Tours

# Vjaġġ/Pellegrinaġġ għal Lourdes

## 4 t'ijiem sħaħ

**PREZZ MINN** €669

**META** 8 - 13 Mejju

**INŻURU** Lourdes, Pau, Pont d'Espagne, St Jean d'Luz, Col d'Ibardin u Pont d'Espagne u Betherram

**PREZZ JINKLUDI**

- Titjiriet: Malta/Lourdes mal-Air Malta u Lourdes/Malta mar-Ryanair
- Inkluż 10kg hand luggage u 20kg checked in-luggage
- Trasferimenti: ajruport/lukanda/ajruport
- Akkomodazzjoni fil-Lukanda Florida (3 star) jew simili
- Kmamar kollha bis-servizzi privati
- Bażi: 5 kolazzjonijiet/3 pranzi/4 ċeni
- Servizz ta' tour leader
- Servizz ta' direttur spiritwali
- It-taxxi tal-ajruporti u s-service charge
- Insolvency fund

**IT-TNEJN, 8 TA' MEJJU |** Il-grupp jiltaqa' l-ajruport fl-4.45pm u b'titjira diretta mal-Air Malta, fis-6.45pm nitilqu għal Lourdes fejn naslu fid-9.10pm. Nirkbu l-coach li teħodna għall-Lukanda Florida (3 star) jew simili fejn ikollna s-sistemazzjoni tal-kmamar u ħin għal mistrieħ.

**IT-TLIETA, 9 TA' MEJJU |** Wara l-kolazzjon nibdew il-mawra tagħna f'Lourdes bi żjara fil-Grotta ta' Massabielle, fejn il-Madonna dehret lil Santa Bernadette Soubirous. Niċċelebraw l-Ewkaristija f'waħda mid-diversi knejjes/kappelli li jinsabu viċin il-Grotta. Ma' tmiem il-Quddiesa, l-grupp jieħu ritratt ta' tifkira quddiem il-Bażiliki. Inkomplu billi nżuru t-tliet Baziliki u wara nagħmlu l-mixja tal-Via Sagra fuq l-għolja de l'Espeluges. Pranzu u wara optional excursion ta' nofs ta' nhar għal Pau. Il-belt ta' Pau hija l-kapitali ta' Bearn u famuża għaliex fiha kien jgħix Enriku IV, Re ta' Franza u Navarra. Inżuru ċ-ċentru ta' Pau fejn, fost oħrajn, hemm kastell kbir, ic-Chateau de Pau, fejn Napuljun kien iqatta' l-vaganzi tiegħu. Ċena fil-lukanda u wara fid-9.00pm nieħdu sehem, bħala grupp, fil-Purċissjoni Aux Flambeaux li tibda mill-Grotta u tintemm fil-pjazza ta' quddiem il-Bażilika tar-Rużarju. F'din il-purċissjoni l-pellegrini jimxu wara l-istatwa tal-Madonna b'xemgħa mixgħula f'idejhom u jingħad ir-rużarju.

**L-ERBGĦA, 10 TA' MEJJU |** Kolazzjon u wara fid-9.30 am nieħdu sehem fil-Quddiesa Internazzjonali li ssir fil-Bażilika l-Kbira ta' taħt l-art iddedikata lil San Piju X. Esperjenza unika u xeni mpressjonanti ta' devozzjoni. Wara l-pranzu jkollna optional excursion għal Pont d'Espagne li jifforma parti mill-Park Nazzjonali tal-Pyrenees. Eskurzjoni fuq il-muntanji fejn nitpaxxew b'xenarju mill-isbaħ u naraw ħafna kaskati meraviljuzi bl-ilma nieżel b'veloċità kbira. Dan il-post huwa popolari hafna ma' dawk li jħobbu jmorru mountain climbing. Ċena fil-Lukanda.

**IL-ĦAMIS, 11 TA' MEJJU |** Kolazzjon u wara optional excursion ta' ġurnata għal Col d'Ibardin u St Jean de Luz. Minn Col D'Ibaldin naraw veduti mill-isbaħ u anke nkunu nistgħu nagħmlu xi xiri. Wara mmorru St Jean de Luz, belt kosmopolitana u medjevali b'influwenza Spanjola. Inżuru ċ-ċentru storiku u l-bajja kbira tal-post. Ikollna ħin liberu li matulu nkunu nistgħu nkomplu ngawdu ċ-ċentru tal-belt, fejn insibu l-aqwa restoranti li jsevu ikel bnin tal-baħar, u x-xtajta meravlljuza tal-post. (Nota: Illum ma jkollnix pranzu jew packed lunch.) Filgħaxija, wara ċ-ċena, jkollna ċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa.

**IL-GIMGĦA, 12 TA' MEJJU |** Kolazzjon, imbagħad ikollna ċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa u wara ser mmorru naraw video tassew interessanti li jitratta dwar "Il-Messaġġ ta' Lourdes". Inkomplu bil-programm billi naraw u fejn ikun possibili nżuru diversi postijiet ta' interess konnessi ma' Santa Bernadette, fosthom il-Mithna Boly (fejn twieldet u għexet sakemm kellha 10 snin), il-Cachot (kamra f'ħabs abbandunat fejn għexet, flimkien mal-familja, matul id-dehriet) u l-Knisja Parrokkjali li hija ddedikata lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesu (fejn tgħammdet). Pranzu u wara optional excursion għall-Grotot meraviljużi ta' Betherram (entratura nkluża), esperjenza unika li m'għandhiex tintilef. Dawn il-grotot huma meqjusa bħala wħud mill-isbaħ tad-dinja u definittivament l-iżjed interessanti minħabba l-varjazzjoni kbira ta' forom li fihom. Ċena fil-lukanda.

**IS-SIBT, 13 TA' MEJJU |** Kolazzjoni kmieni biex fis-7.00am nitilqu mill-Lukanda għall-ajruport ta' Lourdes. Fid-9.20am, permezz ta' titjira tar-Ryanair, nitilqu għal Malta fejn naslu fil-11.40am.

| PREZZ KULL PERSUNA | |
|---|---|
| Adult f'kamra trippla | €669 |
| Adult f'kamra doppja | €679 |
| Adult f'kamra singola | €799 |
| Tfal ma' żewġ adulti | €449 |

| ESKURSJONIJIET | ADULTI | TFAL |
|---|---|---|
| Pau | €27 | €13 |
| Pont d'Espagne | €29 | €15 |
| Col d'Ibardin/St Jean d'Luz | €42 | €21 |
| Grotot ta' Betherram (dħul inkluz) | €35 | €25 |

**MHUX INKLUŻ FIL-PREZZ**

Lourdes City Tax (titħallas direttament fil-Lukanda) €1.50 kull persuna kull lejl

Santwarju ta' Lourdes: Donazzjoni ta' €10 kull persuna. Din tingabar mit-Tour Leader f'Lourdes

*Jista' jkun hemm tibdil f'dawn il-ħlasijiet.*

Britannia is contributing a proceed on all bookings to PUTTINU CARES HOME AWAY FROM HOME

## Your peace of mind

Britannia Tours has been organising worldwide group travel since 1982. We have gained a reputation for quality, service and great value for money. We hold an I.A.T.A. license (International Association of Travel Agents) and are part of the Insolvency Fund. This means that your money is protected when you book with us. We are sure that you will be absolutely delighted with our service and attention to detail when you book a Britannia Tours holiday.

Insolvency Fund 2023 · IATA Accredited Agent · servizz bi tbissima


**VALLETTA BRANCH**
The Savoy Shopping Arcade
St John Street, Valletta
Tel: 2123 8039
e-mail: sales@bsl.com.mt

**HAMRUN BRANCH**
Britannia House,
652, St Joseph High Street,
Hamrun (opposite BOV)
Tel: 2247 4850
e-mail: sales@bsl.com.mt

**PAOLA BRANCH**
143, Antoine de Paule Square, Paola (between Main Street and APS Bank)
Tel: 2180 9930
e-mail: sales@bsl.com.mt

**MOSTA BRANCH**
Independence Avenue, Mosta
Tel: 2141 3030
e-mail: sales@bsl.com.mt

**GOZO BRANCH**
10, Triq Mro. Dirjanu Lanzon, Victoria, Gozo
Tel: 2156 5620
Mob: 7920 0488
e-mail: mjs382@gmail.com

**Valletta, Mosta and Hamrun** opening hours (Monday to Friday): 09.00-13.00hrs and 14.00-18.00hrs
**Gozo Branch** opening hours (Monday to Friday): 09.00-12.00hrs and 13.00-16.00hrs

*Paola Branch is currently under refurbishment

Follow us on: